IL-KNISJA F'MALTA

UFFIĊĊJU KOMUNIKAZZJONI
Arċidjoċesi ta' Malta

18 ta' Diċembru 2014

138/2014

# AWGURI TAL-ISTAĠUN TAL-FESTI LILL-ISQFIJIET

Data: Il-Ħadd, 28 ta' Diċembru 2014

Ħin: 10.30 a.m.

Post: **Il-Kurja tal-Arċisqof, il-Furjana**

Fl-okkażjoni tal-festi ta' żmien il-Milied u l-bidu tas-Sena l-Ġdida, l-Isqof Charles J. Scicluna, Amministratur Appostoliku *sede vacante*, l-Arċisqof Emeritu Pawlu Cremona O.P. u l-Arċisqof Emeritu Ġuzeppi Mercieca, nhar il-Ħadd 28 ta' Diċembru ser jilqgħu lil kull min jixtieq iżurhom għal bdil tal-awguri tal-istaġun, bejn l-10.00 a.m. u nofsinhar.

Il-bdil tal-awguri ser isir fil-Kurja tal-Arċisqof, il-Furjana. Minħabba raġunijiet ta' aċċessibilità, ser ikun miftuħ il-bieb ta' San Kalċedonju fi Triq Vinċenzo Buġeja (u mhux il-bieb prinċipali). Dakinhar, għal ħabta tal-10.30 a.m. l-Isqof Scicluna ser jgħaddi messaġġ lil dawk preżenti.

Data: L-Erbgħa, 31 ta' Diċembru 2014

Ħin: 2.30 p.m.

Post: **Il-Palazz tal-Arċisqof, il-Belt Valletta**

Lejliet l-Ewwel tas-Sena, l-Isqof Charles J. Scicluna, Amministratur Appostoliku *sede vacante*, l-Arċisqof Emeritu Pawlu Cremona O.P. u l-Arċisqof Emeritu Ġuzeppi Mercieca, ser jilqgħu lill-awtoritajiet tal-Istat u lill-korpi kostitwiti għall-bdil tal-awguri, fil-Palazz tal-Arċisqof, il-Belt Valletta.

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċedonju
Floriana, FRN 1535, Malta

**Indirizz**
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 90,
Head Office, Marsa, MRS1000

**Tel.** +356 2124 1281
**Email.** info@maltadiocese.org
**www.thechurchinmalta.org**